ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Citta' Pinto)** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 55** **IT-TLIETA 6 TA' SETTEMBRU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011 fis-7.15 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Angelo Briffa, Jason Busuttil, Jeffery Camilleri, Bjorn Azzopardi, Simon Vella Gregory u Ralph Puli.

Il-Kunsillier Thomas Harmsworth (indispost) u Margaret Mercieca (xogħol), infurmaw li ma setgħux jattendu u kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**55/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 54**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 54 li nżammet nhar it-Tlieta 2 ta' Awwissu 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 54 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**55/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**55/02/01** **Is-Sindku** nforma li b'referenza għall-paragrafu 54/04, ix-xogħol fil-Housing Estates inbeda, fil-blokki ta' Fuq tal-Blat 1, skont it-tender maħruġa.

**55/02/02** **Is-Sindku** nforma wkoll li rigward paragrafu 54/02/04, ix-xogħol li kien qed isir madwar il-blokki ta' Pascarella *Housing Estate* tlesta u jonqos biss xogħol ta' tindif ta' l-areja kollha u ż-żebgħa tas-sinjali tal-parking bays, proġett ieħor b'kollaborazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar.

**55/02/03** **Is-Sindku** nforma li wara li tlesta x-xogħol fuq il-madwar ta' Pascarella, il-Kuntrattur beda x-xogħol kif ipprogrammat mal-*Housing Authority* madwar il-blokki ta' De La Cruz. Fl-ewwel blokk li jmiss ma' Triq Mons. P.P. Psaila, tqajjmet minn xi residenti l-problema ta' nuqqas ta' parking, speċjalment nhar ta' sibtijiet. Il-Kunsill qabel li dawk il-kaxex bil-ħamrija li kienu qed iservu bħala miżbla, fejn kien jintrema' kull tip ta' skart, jitneħħew u minflok jingħata t-tarmac u jinħolqu għadd ta' parking bays oħra. B'hekk ir-residenti ma jkollhomx aktar skuża biex jidħlu bil-vetturi fuq il-passaġġi madwar il-blokki.

**55/02/04** **Is-Sindku** rrefera għall-paragrafu 54/05 fil-minuti u kkonferma li l-proġett ta' pavimentar ta' Triq Dun Ġwakkin Schembri se jinbeda t-Tnejn 12 ta' Settembru, billi jinbidlu l-mejnijiet u s-servizzi ta' l-ilma u wara jkun jista' jitkompla l-programm ta' xogħol għal din it-triq. Hu ttamat li fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru jinbeda t-tqegħid tal-madum. Fl-istess waqt qed jinħadem proġett għad-dwal ta' din it-triq.

**55/02/05** B'referenza għall-paragrafu 54/08, Skeda ta' Attivitajiet mill-Għaqdiet, is-Sindku fakkar li dawn il-ftehim kienu ffirmati f'ċerimonja li kienet organizzata fil-Kunsill nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru li għaliha attendew l-Għaqdiet li se jkunu jorganizzaw attivatijiet mal-Kunsill.

**55/02/06** **Il-Kunsill** kien infurmat li d-delega tal-*Local Enforcement System* bdiet fis-seħħ mill-1 ta' Settembru fejn s-sistema issa qed tkun imħaddma mir-Reġjun.

**55/02/07** **Is-Sindku** nforma li għalkemm id-devoluzzjoni tad-Dwal fi ftit xhur oħra se tkun ukoll mgħoddija f'idejn ir-Reġjuni, iżda fl-aħħar laqgħa kien infurmat li l-Kunsill se jibqa' jieħu l-allokazzjoni tal-flus fuq id-Dawl u dawk il-flejjes iridu jintużaw għall-installazzjonijiet ġodda, filwaqt li l-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-bozoz jitħallsu mir-Reġjun mill-LES.

**55/02/08** **Is-Sindku** rrimarka li dwar paragrafu 54/10 it-Trasport Pubbliku Ġdid, wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-Uffiċjali tal-Kumpanija Arriva, bdiet titħaddem ir-rotta l-ġdida Nru 63, li tgħaddu kull siegħa fuq ir-rotta ta' San Ġorġ, fejn tgħaddi ukoll mill-H.E. ta' Farzina. Is-Sindku u diversi kunsilliera rrimarkaw li waħda kienu rrapurtati numru ta' ilmenti ta' każijiet ta' dewmien esaġerat bejn karozza tal-linja u oħra, kif ukoll li r-rotta l-ġdida li tgħaddi kull siegħa hija wisq 'l bogħod, u ta' l-anqas sad-disa' ta' filgħodu din il-karozza tal-linja għandha tgħaddi kull nofs siegħa.

**55/02/09** **Is-Sindku** rrimarka li dwar l-Impjieg ta' persuna b'diżabilita', kif hemm fl-aġenda, se tkun diskussa 'l quddiem fil-laqgħa.

**55/02/10** **Is-Sindku** nforma li sa fl-aħħar kienu waslu l-fanali tal-proġett imħejji mill-Kunsill taż-Żgħażagħ, fanali għal Ġnien Bertu Hyzler u għal madwar il-monument tal-Pulizija, fi Triq tal-Ħlas. Se jitħejja programm ta' xogħol għall-installazzjoni ta' dawn il-fanali fil-postijiet imsemmija.

**55/03** **Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** talab sabiex ikun skużat, u ħareġ mil-laqgħa.

**55/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' AWWISSU 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Awwissu
**b)** *Bank Payments* Awwissu 2011
**c)** *Petty Cash* Awwissu 2011

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur** it-tmien Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**55/05 MOZZJONIJI NRU 126/2011(V)**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ressaq il-mozzjoni nru. 126/2011(V) dwar installazzjoni ta' kameras tas-sigurta' f'postijiet sensittivi.

"Nipproponi li jiġu nstallati Kameras tas-sigurta f'numru ta' postijiet sensittivi partikolarment fil-ġonna pubbliċi li fihom ikun hemm it-tfal. Dan sabiex nagħmluhom iktar siguri għat-tfal tal-lokalita' tagħna."

**Il-Kunsillier Ralph Puli** spjega li l-Kunsill għandu bżonn jieħu passi sabiex jiġu nstallati kameras tas-sigurta f'numru ta' postijiet sensittivi, partikolarment fil-ġonna pubbliċi li fihom ikun hemm it-tfal. Dan sabiex nagħmluhom iktar siguri għat-tfal tal-lokalita' tagħna, u l-Kunsill ikun jista' jimmonitorja aħjar il-vandaliżmu u atti oħra li qed iseħħ f'dawn il-postijiet. Huwa sostna wkoll li ħafna huma l-ilmenti li qed ikollu, dwar il-Ġnien Federico Maempel, fejn saħansitra ħafna jibżgħu jgħaddu minnu, jew dwar il-Ġnien ta' De La Cruz li mhu *safe* xejn, speċjalment filgħaxijiet. Il-Kunsill għandu dmir li jara li dawn il-postijiet ikunu dejjem siguri speċjalment għat-tfal tal-lokalita' tagħna.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina, filwaqt li ssekonda l-mozzjoni,** tenna li fil-Kunsill dejjem kien hemm qbil dwar din il-materja, f'mozzjonijiet

simili li tressqu fil-passat. Iżda kif il-Kunsill jaf, minħabba nuqqas ta' fondi għat-tħaddim ta' proġetti simili, li jeħtieġu fondi qawwija sabiex ikunu installati u mħaddma, u din kienet ir-raġuni ewlenija għaliex il-kameras ma kienux installati, minbarra problemi loġistiċi oħra. Illum, fejn mill-ewwel ta' Settembru r-responsabblita' tal-infurzar tal-liġijiet saret responsabbilta' tal-Kumitat Reġjonali, inklużi l-finanzi kollha miġbura mis-sistema tal-LES, is-Sindku issuġġerixxa li din il-materja għandha titressaq għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tar-Reġjun Nofsinhar, li tiegħu l-Kunsill ta' Ħal Qormi jifforma parti, sabiex ikun jista' jitħaddem fil-prattika.

**Ivvutaw Favur it-tmien (8) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** din il-mozzjoni sabiex titressaq mis-Sindku għall-attenzjoni tar-Reġjun Nofsinhar.

**55/06 RIORGANIZZAZZJONI TAS-SWIEQ FIL-BERAĦ – White Paper**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi sabiex jinforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa ta' informazzjoni li attenda dwar dan is-suġġett, sabiex jitħejjew u jitressqu l-punti għar-Risposta għal din il-White Paper li l-Kunsill kien mistieden jibgħat bil-miktub dwar is-suġġett imsemmi sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgha 16 ta' Settembru 2011.

Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi fisser il-laqgħa li nżammet dwar is-suġġett u saret diskussjoni dwar il-punti mportanti fil-White Paper li l-Kunsill għandu jitratta fit-tweġiba tiegħu: **DOK 'B'**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jinsab ferm imħasseb dwar is-Suq (Monti) li jintrama' f'Ħal Qormi kull nhar ta' Sibt, għar-raġuni li l-qalba ta' Ħal Qormi f'waħda mill-pjazez prinċipali tal-lokalita' li qed tispiċċa area diżorganizzata, b'inkonvenjenzi kbar għar-residenti u għall-istess konsumaturi fejn l-istess residenti jħossuhom priġunieri f'darhom, għall-aqwa parti minn ġurnata.

Il-Kunsill qed jippjana li jagħmel tisbiħ tal-Pjazza tal-Granmastru u d-dawra tal-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan, hija llum saru l-qalba ta' Ħal Qormi.

Jekk tkun se tintuża vettura, huwa ferm importanti li l-vettura kummerċjali ma' teċċedix is-6 metri tul, kobor ta' posta. B'hekk biss, jagħmel sens li d-daqs tal-posta li hija 6 metri b'2.5 metri, li tkun tista' tiġi allokata lill-persuna liċenzjata, bl-użu tal-vettura kummerċjali.

Jekk il-Kunsill se jkun responsabbli mill-awtorizzazzjoni tal-allokazzjoni tal-posta, l-Kunsill għandu joħroġ dokument elettroniku, b'ritratt tal-passaport tal-applikant flimkien mad-dettalji personali tiegħu u n-numru tal-Posta li tkun allokata lilu, u d-*data* għandha tkun aċċessibli kemm mill-Kunsilli kif ukoll mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

Dwar punt 4.4, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa konxju li minħabba s-Suq fil-Beraħ, ir-residenti ta' Pjazza Narbona, ta' Triq Dun Gino Mangion u ta' parti sewwa minn Vjal de la Cruz qed jispiċċaw priġunieri fi djarhom kull nhar ta' Sibt. Dan qed ifisser li la jistgħu jużaw il-vetturi/garages tagħhom, kif ukoll iridu saħansitra jsibu post 'l bogħod fejn jipparkjaw il-vettura. Dan minbarra l-abbużi li jsofru wara biebhom minn aġir irresponsabbli ta' uħud mill-bejjiegħa.

Dwar punt 4.5, il-Kunsill jaqbel li s-Suq għandu jkun imqassam biż-żoni sabiex ikun hemm aktar organizzazjoni u uniformita' kif ukoll dehra sabiħa u attraenti tas-suq.

Il-bejjiegħa għandhom jiżguraw li jħallu aċċess liberu tal-passaġġi. Il-Kunsill mill-bidu nett kien saħaq li l-wisa' tat-triq kienet biss 8 metri u għadaqstant kien imprattikabbli li jitħallew jarmaw il-vettura(2.5m) +tilar (1m) fuq kull naħa u passaġġ (1m biss) fin-nofs. Dan ifisser 2.5m + 1m + 1m + 1m +2.5m = 8metri!

Dwar punt 4.6, il-Kunsill ta' Ħal Qormi jikkundanna bil-qawwa kollha l-isfruttament tat-tfal, li jitqabbdu biex ibiegħu waqt il-Monti.

Il-bejjiegħ għandu jimmarka b'mod ċar u li jidher l-prezzijiet tal-prodotti li jkun qed ibiegħ. Għandu jiġi żgurat li tinħareġ irċevuta fiskali għal kull bejgħ li jsir.

Il-Kunsill jittama li jingħata ċans iressaq proposti li ġew imħejjija mill-Kunsill sabiex dan is-Suq jitressaq f'żona ġdida sabiex b'hekk ikun possibli għall-Kunsill li jagħmel tisbiħ tal-Pjazza tal-Granmastru u d-dawra tal-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan, il-qalba ta' Ħal Qormi.

B'referenza għall-punt 4.7, minkejja l-fatt li s-Suq ta' Ħal Qormi huwa regolat, xorta waħda jista' jinħoloq abbuż mill-bejjiegħa. Huwa ferm importanti li ssir konsolidazzjoni u armonizzazzjoni tal-liġijiet eżistenti u tar-regolamenti, trid issir reviżjoni tal-proċeduri ta' nfurzar, u Ċentralizzazzjoni tal-Awtorita' fejn il-Kunsill Lokali ikollu leħen, mhux biss jitgħabba bil-piż ta' l-operat ta' kuljum u l-immaniġġjar tas-suq!

Dwar it-Trasferimenti tal-Posti, l-Kunsill huwa konxju mid-diffikultajiet u l-abbużi li jistgħu jinħolqu b'dawn it-trasferimenti tal-posti. Kull bdil li seħħ fil-lokalita' ta' Ħal Qormi dejjem kien uffiċjalizzat bl-approvazzjoni tal-Ministeru li dejjem ġie nfurmat.

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jaqbel li l-ħin u l-ġranet tal-Monti ta' Ħal Qormi għandu jibqa' l-istess, jiġifieri nhar ta' Sibt bejn is-6.30a.m. u s-1.00p.m.

Il-Kunsill jaqbel li għandu jkun hemm Governanza mtejba mill-Gvern Ċentrali, b'leġislazzjoni li tikkontrolla verament is-Swieq fil-Beraħ. Huwa ferm importanti li jsiru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli li għandhom dawn is-swieq.

Dwar punt 5.1 Armonizzazzjoni ta' Leġislazzjonijiet, il-Kunsill jistaqsi kif u min se jkun dan il-*One Stop Shop*? Id-Dipartiment għall-Kummerċ li jkun 'l bogħod mill-problemi ta' kuljum, jew il-Kunsill Lokali li se jkollu jħabbat wiċċu mal-problemi kollha li l-bejjiegħa jistgħu jiltaqgħu magħhom?

Il-Kunsill jaqbel ukoll li dawk il-bejjiegħa li jingħataw posta fis-Suq għandhom iħallsu xi forma ta' miżata, liema miżata tkun tagħmel tajjeb għat-tindif taż-żona kif ukoll għall-ħsarat u l-manutenzjoni taż-żebgħa tal-posti. Jekk le, il-Kunsill għandu jingħata kumpens għal dawn l-ispejjeż. Il-Vendituri għandhom ikunu koperti b'assigurazzjoni, fejn ukoll għandu jindennizza u jissalvagwardja lill-Kunsill Lokali għal kwalunkwe telf, spiża jew ħsara.

Dwar punt 5.3, il-Kunsill jaqbel li s-Swieq għandhom ikunu regolati minn Direttorat apposta, dejjem bis-sehem tal-istess Kunsilli Lokali li għandhom dawn is-swieq u li jafu direttament bil-problemi li s-suq joħloq.

Sabiex dan isir b'mod effettiv u responsabbli, dan ix-xogħol għandu jsir mill-Awtorita' tal-Pulizija li huma responsabbli mill-Ordni Pubblika.

Dwar punt 5.5, fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi hemm 214-il posta fis-Suq, filwaqt li għandu l'fuq minn 100 applikant fuq il-*waiting list*. Il-Kunsill ilu li approva mozzjoni li l-ebda posta li tiġi mbattla ma' tkun allokata mill-ġdid, u dan sabiex jinħoloq spazju sabiex ikun jista' jitħaddem aħjar il-Monti.

Il-Kunsill jaqbel li l-bejjiegħa għandhom jokkupaw il-posta mhux aktar minn 5 snin, għaliex b'hekk jingħata ċans li bejjiegħa oħra jkollhom xi darba post fis-swieq.

Il-Kunsill jaqbel li l-posti jingħataw bl-istess proċedura ta' Tender, fejn bejjiegħ jista' jitfa' l-offerta tiegħu għal posta WAĦDA BISS.

Il-Kunsill jaqbel li meta tingħata l-awtorizzazzjoni lill-bejjiegħ, għandha titħallas il-miżata ta' sena, bil-quddiem.

Il-Kunsill huwa unanimament kontra li dan is-Suq jitħalla jespandi f'toroq oħra fejn hemm residenti.

Dwar il- Proċeduri tal-Infurzar, il-Kunsill hu tal-fehma li dan għandu jkun kompitu tal-Pulizija li flimkien mal-Kunsill Lokali u r-Regolatur (Direttorat) isir infurzar xieraq tar-regolamenti kollha.

Punt 5.12, il-Kunsill jisħaq dejjem fl-importanza tal-iġjene waqt il-bejgħ fis-Suq u għaldaqstant il-Kunsill jaqbel li l-bejjiegħa, minbarra li jkollhom l-istands nodfa, għandhom ikunu lebsin diċenti waqt il-ħin kollu

tas-Suq, kif ukoll jevitaw li jkun hemm tipjip fuq il-posta, speċjalment fiz-zoni fejn hemm il-bejgħ ta' prodotti tal-ikel.

Il-Kunsill jaqbel ukoll li jekk il-venditur tas-suq jonqos milli jwettaq l-attivita' kummerċjali għal sitt darbiet konsekuttivi, mingħajr ebda raġuni valida, l-awtorizzazzjoni li jarma fil-posta għandha tkun irrevokata.

Punt 5.13, Il-Kunsill Lokali jaqbel li l-awtorizzazzjoni tas-sostitut tibqa' tinħareġ mit-*Trade Licencing Unit.* Ġaladarba d-Dipartiment ma jsib l-ebda oġġezzjoni għall-għażla tas-sostitut u tingħata l-awtorizzazzjoni, l-Kunsill għandu jiġi nfurmat b'dan it-tibdil minnufih.

Dawn il-punti kienu diskussi u għandhom ikunu elaborati f'risposta għall-*White Paper*.

## 55/07 PLAYGROUNDS INSPECTIONS REPORT

Is-Segretarju ressaq mill-ġdid għall-attenzjoni tal-Kunsill, ir-rapporti maħruġa mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority*, sabiex il-Kunsill jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji dwar xogħol li jeħtieġ isir f'dawn il-postijiet, kif ukoll il-Kunsill jifformula t-talbiet tiegħu għall-finanzjament meħtieġ għal dan ix-xogħol skont l-iskema ta' finanzjament sabiex jittejbu l-*playing fields* eżistenti fil-lokalitajiet tagħhom.

Wara diskussjoni dwar is-suġġett, fejn kien maqbul li x-xogħol għandu jsir skont ir-rapporti maħruġa, u l-Kunsill għandu japplika għall-fondi meħtieġa. Għalhekk kien maqbul li ssir laqgħa li għaliha jattendu l-Kunsilliera Angelo Briffa, Dennis Zammit u s-Sindku Jesmond Aquilina, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill sabiex flimkien jitħejja programm ta' xogħol meħtieġ f'dawn il-*playgrounds*, u tkun imħejjija t-talba għall-fondi għal dan ix-xogħol u *equipment* ġdid meħtieġ.

## 55/08 MEMOS 66 – 80

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memos 66 sa 80, li kienu kollha ċċirkulati. **DOK 'C 1-15'**

## 55/09 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-5'**

1. **Talba għall-*Sleeping Policeman* fi Triq Aloisio**. Korrispondenza dwar kemm din it-triq saret perikoluża fejn apparti li minkejja li din it-triq hija One Way, xorta t-traffiku

qiegħed jgħaddi miż-żewġ naħat b'abbuż. Iżda dawn qegħdin jgħaddu b'veloċita' qawwija minn triq li hija dejqa u bir-residenti joqogħdu maż-żewġ naħat. Diġa seħħew diversi inċidenti f'din it-triq fejn anke kien hemm inċident minnhom fejn inqalbet karozza. Il-Kunsill Lokali qed jiġi mitlub jikunsidra serjament li jintroduċi żewġ *sleeping policeman* f'din it-triq sabiex titnaqqas l-possibilita' ta' inċidenti. Il-Kunsill kien infurmat li il-korrispondent kien mitlub jindika fejn qed jipproponi li jitwaħħlu kif ukoll sabiex iressaq l-approvazzjoni tar-residenti, quddiem min qed ikun propost li jitwaħħlu dawn is-*sleeping policemen,* sabiex ma jkunx hemm tgergir wara.

2. **Kwestjonarju dwar l-Strategija tal-Patrimonju Kulturali.**

3. **GreenPak - Proposal Qormi Aug 2011** - Il-Kumpanija GreenPak ressqu proposti dwar is-servizz ta' skart Separat. Minħabba li fil-preżent il-Kunsill għandu ftehim mal-kumpanija GreenMt dwar l-iskart separat, il-Kunsillier Jeffrey Camilleri kien mitlub sabiex jara l-korrispondenza u jressaq parir dwar il-proposti ta' GreenPak u l-kuntratt tal-GreenMt.

4. ***Raised pedestrian crossing in Triq il-Wied off jw Triq il-Mithna*:** Korrispondenza mill-*Head Transport Research and Development Unit Transport Strategy Directorate*, fejn il-Kunsill kien infurmat li *this raised pedestrian crossing lacks the necessary approach signs, belisha beacons and flood lights. Also, a gap is to be left clear between the edge of the raised pedestrian crossing and footway to allow to the safe passage of cyclists and motorcyclists and storm water runoff. It is appreciated if the above are implemented at the earliest to ensure the safety of all users.*

5. **Skedar ta' Propjeta'** - Il-Kunsill kien infurmat mill-MEPA li l-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ Martri fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi ġiet skedata, fost propjetajiet oħra skont it-termini ta' Ariklu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Din il-propjeta ġiet skedata bħala ta' Grad 1 permezz ta' policy UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura għal Gżejjer Maltin, skont l-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern Nru *782/ 11*.

**55/10** **Is-Sindku**, filwaqt li wassal l-prosit tal-Kunsill kollu għall-attivita' li kienet organizzata mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ fi tmiem il-ġimgħa ta' qabel, il-Festival tal-Inbid, fejn kienu jumejn ta' attivitajiet suċċess. F'din l-attivita' infetħu xi xelters, u għahekk issa jeħtieġ li jsir *Reinstatement* tal-bokki tax-xelters kif kienu qabel. Jirriżulta li kien hemm xi inċident f'wieħed minn dawn il-fetħiet.

**55/11** **Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill talba mingħand is-sur Dylan Azzopardi sabiex ikun jista' jwaqqaf *mobile Kiosk* fi Pjazza tal-

Granmastru. Il-Kunsill ma qabilx li jkun hemm *mobile kiosk* fiss fi Pjazza tal-Granmastru u ma approvax din it-talba b'mod unanimu. **DOK 'E'**

**55/12** **Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar kopja tad-diskussjoni li kellu f'laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia dwar sit fi Triq Ħal Qormi viċin il-korsa tal-Marsa, b'referenza ukoll għall-MEPA *PC15/2009: Change in designation*, Triq Ħal Qormi. Qormi.

Kien iċċarat li l-Kunsill kien diġa kiteb lill-MEPA dwar is-suġġet fit-23 ta' Ġunju 2011, fejn il-Kunsill ressaq dawn il-kummenti annessi. **DOK 'F'**

Is-Sindku fisser li mal-Perit Farrugia dawn il-punti kienu ppreżentati u diskussi, u d-dokument ipprreżentat mill-Perit Farrugia dwar il-laqgħa ġie mressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill. **DOK 'G'**

**55/13** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2011 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-8:35 ta' fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)